



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B8-1368/2015**

24.11.2015

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-promozzjoni ta' programmi rikreattivi biex tiġi miġġielda s-solitudni  
fost l-anzjani

**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-promozzjoni ta' programmi rikreattivi biex tiġi miġġielda s-solitudni fost l-anzjani**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 742/2008/KE,
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 554/2014/UE,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1291/2013,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, f'komunikazzjoni tal-2006, il-Kummissjoni kienet diġà saħqet fuq il-fatt li t-tixjijih demografiku jikkostitwixxi waħda mill-isfidi ewlenin li kellha tindirizza l-Unjoni Ewropea;
- B. billi, skont dak li hu stabbilit mill-Artikolu 25 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni stess tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet tal-anzjani li jgħixu ħajja dinjituża u indipendenti u jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali;
- C. billi, skont l-aktar studji Amerikani reċenti, is-solitudni hija fattur ewlieni li jdgħajjef id-difiża immunitarja, speċjalment fost l-anzjani, peress li tbiddel l-azzjoni tal-ġeni predisposti li jiggarrantixxu l-immunità minn fatturi esterni;
1. jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi attivitajiet u programmi rikreattivi mmexxija minn istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, organizzazzjonijiet mhux governattivi kif ukoll minn entitajiet pubbliċi, favur l-involviment ta' anzjani li jgħixu weħidhom, sabiex dawn jitħarsu mir-riskji li s-solitudni jaf ikollha fuq saħħithom.